

Brussell, 20 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7153/26

COPS 141
EUMC 93
POLMIL 118
MOG 65
MAMA 62
COAFR 64
CFSP/PESC 370
CSDP/PSDC 151
PSC DEC 7
ASPIDES 18
ATALANTA 17

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribut ta' Stat terz għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) (EUNAVFOR ASPIDES/3/2026)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PEŠK) 2026/...

ta' ...

**dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribut ta' Stat terz
għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà
ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES)
(EUNAVFOR ASPIDES/3/2026)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PEŠK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES)¹,

¹ ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj>.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 7(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti minn Stati terzi għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES), fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u tal-Kumitat Militari tal-UE (EUMC).
- (2) Wara r-rakkomandazzjonijiet mill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u mill-EUMC fir-rigward ta' kontribut mir-Renju tan-Norveġja, jenħtieġ li dak il-kontribut jiġi aċċettat u meqjus bħala sinifikanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-kontribut mir-Renju tan-Norveġja għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) huwa aċċettat u meqjus sinifikanti.
2. Ir-Renju tan-Norveġja huwa eżentat minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit ta' EUNAVFOR ASPIDES.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President*
